# ARGUMENTI LIRIĊI FIL-POEŻIJA TA' RUŻAR BRIFFA

Ta' ROMAN AZZOPARDI

IL-POEZIJA ta' Rużar Briffa hija lirika mill-aqwa u, għalkemm hija ħaġa tqila tfisser il-kelma "lirika", l-elementi tal-poeżija lirika fil-kitba ta' Rużar Briffa huma qawwija. L-ewwelnett mill-ittra li Briffa kiteb lil G. Cassar-Pullicino fl-1945 (miġjuba fl-*Istudji Kritiċi* tal-Professur Aquilina) nintebħu kemm tassew kien liriku Rużar Briffa għaliex il-poeżija tiegħu hija, kif stqarr hu stess, qasira, sinċiera, soġġettiva u sempliċi. Il-poeżija ta' Briffa hija minn xi drabi hekk soġġettiva li toqrob ħafna lejn l-awtobjografija u hija hekk sempliċi li għandna mnejn naħsbu li ftit fiha mużikalità ta' versi u ta' ritmu. Fil-fatt Rużar Briffa ħaddem tajjeb ħafna l-vers liberu li kien iħobb juża u f'ħafna poeżiji fassal ir-ritmu mat-tifsir ta' ħsiebu. L-isbaħ eżempju ta' dan għandna "*Nofs ta' Nhar Sajfi*" u "l-*Anestesija*" (*Il-Kotra u Jien*) li minnha se nieħdu l-istanza taż-żgħożija:

> Għannejt l-għanja taż-żgħożija:
> Lejl ta' qamar,
> qalb bla sabar,
> u l-imħabba mgħannqa miegħi,
> ħolm ifawwar bis-sbuħija;
> kollox hena, kollox dija
> u Poeżija.
> "Dan miġnun", in-nies bdiet tgħid,
> "u le jaf x'inhuwa jgħid".

Ninnotaw sewwa, fost ħwejjeġ oħra kif Rużar Briffa jagħtina "ħasda" fit-tielet u r-raba' linji qabel l-aħħar hekk kif wara li nlissnu l-kelma "poeżija" naħbtu wiċċna ma' "Dan miġnun". Hekk hu li l-ħsieb ta' illużjoni fi żmien iż-żgħożija huwa mfassal tajjeb ferm mir-ritmu tal-poeżija.

Fuq liema argumenti għanna l-iżjed u l-aqwa Rużar Briffa? L-ewwelnett hemm bżonn nifhmu li Briffa bħala bosta poeti oħra liriċi, huwa idealist u l-wirt poetiku li ħallilna ġej kollu mill-fatt li Briffa xtaq jilħaq u jsib l-ideal f'kull ġrajja ta' ħajtu li tagħmlu bniedem, Malti patrijott, Nisrani, raġel tal-familja, tabib u ħwejjeġ oħra. Minħabba li hija iebsa li

fid-dinja wieħed isib jew li dejjem igawdi l-ideal, Briffa għanna ħafna fuq id-diqa u fuq id-disullużjoni u nsibu kritiċi li kitbu li n-nota ewlenija tal-poeżija ta' Briffa hija dik tan-niket u tal-qrusa tal-ħajja. Il-Professur Aquilina, biex nagħtu eżempju, fil-*Leħen il-Malti*, 1963, Għadd 5, kiteb hekk:

"Imma n-nota li tinħass l-aktar fil-poeżija tiegħu hija dik ta' swied il-qalb, is-sens ta' solitudni u ta' għeja u ta' illużjoni..."

Kollu minnu. U dan jixduh għadd mhux ħażin ta' poeżiji. Fi *Tfajla, toħlomx*, naqraw:

u kemm hi fiergħa din il-ħolma tagħna
li turi kollox mogħni b'ward u żahar,
waqt illi x-xewka minn tad-diq u l-biki
taħbi li tniggeż malli nsiru kbar.

Fil-poeżija *Għasfur Igħanni*:

Għasfur, għaliex qed tgħanni
donnok bil-ferħ miġnun?
Skirt int bi nbid l-imħabba?
– Jinxfu malajr l-egħjun!

F'*Waħdi* nsibu espressjoni qawwija ta' l-ideal u ninnotaw il-kelmiet astratti: Għan, Hena...

Dejjem xtaqt li ma nkunx waħdi
dejjem xtaqt imħabba u ħbieb,
imma ħadd ma ried igħinni
biex tal-Għan insib il-Bieb.

Għad jien waħdi l-Bieb insibu,
nidħol minnu lejn il-Għan,
waħdi nħoss il-ġenn ta' l-Hena
li ili nfittes bla serħan?

Poeżija oħra li juru n-niket u l-melankonija tal-poeta huma *Lil Ommi* (Omm int le taf), *Għajjiena le Xebgħana*, *Aestesija*, *Quo Vadis?*, *L-Għana taż-żogħżija*, *Lura* u *l-Bieraħ*. (L-aħħar tliet poeżiji ippublikati fil-ħarġa speċjali ta' *Leħen il-Malti*, 1963)

Minkejja dan kollu jien inħoss li l-argument ewlieni tal-poeżija ta' Briffa hija l-imħabba – l-imħabba fis-sens wisgħa tal-kelma. Il-Professur Aquilina, fi *Studji Kritiċi* jikteb hekk:

"... il-kelma mħabba ... tfisser wisq iżjed mill-ġibda ta' bniedem għal bniedma. Il-kelma imħabba tiġbor fit-tifsira wiesgħa tagħha kull prinċipju ta' ġmiel u sewwa."

Ma' dan jien nixtieq inżid li għal Briffa l-kelma mħabba tiġbor fiha wkoll is-sens reliġjuż tal-virtù nisranija. Ma kienetx forsi l-ħasra tal-poeta quddiem il-miżerja tal-ħajja li ġegħlitu jikteb *Il-Għanja ta' l-Imnikket?*

O Madonna tad-Duluri,
Ma stmerrejtx
Inti l-imnikket ġewwa darek,
'Ma tbissimt minn fuq altarek,
Kollok ħlewwa, kollok ħniena,
Serraħt Int lill-qalb għajjiena,
Inti biss!

Il-poeta jara sentiment qawwi ta' mħabba fil-maħfra ta' Kristu lill-Madonna, kif naqraw f'*Wieħed Biss*:

Biss Wieħed
sellmilha bi ħniena;
li riedha għarkobbtejha,
mesħilha 'l għajnejha
u tenna dal-kliem:
Daqs kemm int ħabbejt,
daqshekk qalbek fdejt:
terġax: mur bis-sliem.

Fil-poeta tagħna Rużar Briffa, id-diqa u l-melankonija tal-ħajja flok ma wassluh, kif seta' ġara, lejn id-disperazzjoni u lejn il-mibgħeda, ġegħluh iħoss mogħdrija u maħfra ma' kulħadd. Rużar kien l-ewwel wieħed li twarrab mill-konvenzjonali u fil-poeżija *L-Għid tal-Maħfra* ftakar fil-ġrajja tat-8 ta' Settembru 1565 mhux bħala ġrajja "ta' mibgħeda u rebħ" iżda "ta' mħabba – u tal-għaqda s-sebħ". Fit-tifkira tal-Milied, il-poeta tagħna ma jarax bħas-soltu dik in-nota ta' devozzjoni kważi infantili li tfakkrek fil-presepju, f'Ġesù tarbija mdawwar bil-ħmara u bil-baqra u ħwejjeġ bħal dawn. Lè, Rużar jilmaħ fil-Milied xi ħaġa iżjed qawwija, iżjed nisranija, jilmaħ l-imħabba. Fis-sunett *Il-Milied* naqraw kif Ġesù ġie fid-dinja għall-fqar, għall-morda, għall-ilsiera, għall-ħabsin u għall-imsejknin kollha:

U fl-aħħar ġie: il-kbir Missier tal-Ħlejjaq,
U fl-aħħar ġie: ħa jgħakkes il-ħruxija,
U fl-aħħar ġie: sabiex kull hemm ifejjaq.

Xterdet mad-dinja l-leħħa ħabbarija,
u t-tama ġarrab kull min kien imdejjaq,
u saħnu l-qlub bl-imħabba nisranija.

L-imħabba ta' Rużar Briffa ħaddnet mhux biss lir-reliġjon nisranija iżda wkoll lill-familja u lill-patrija. Fil-lirika *Epithalamion*, Briffa jiċċelebra ż-żwieġ ta' oħtu Marija mingħajr ebda nota negattiva.

Int bħalhom, għandek qalbek tfur bl-Imħabba
li ma tafx sajf, ma tafx kesħat xitwija.
Għalhekk tibżax... it-triq ofroq Marija.

Fil-poeżiji *Lilek*, *Lill-Maħbuba*, *Lil Annabella*, indirizzati kollha littieni mara tiegħu, Briffa, għalkemm ifakkar fis-swied il-qalb u "saħta ħadra – malinkonija" li ġie li ħass f'ruħu, jispiċċa biex juri tama e twemmin sħaħ fil-valur ta' l-imħabba.

U l-għana li għannejt tul iż-żgħożija
Jien nibqa ngħannih miegħek
Fix-xjuħija.

(Lil Annabella)

Fil-poeżija *Lil Ommi* u *Lil Binti waqt Air-Raid* u *Lil Binti* inħossuha sewwa l-imħabba tal-poeta lejn nies għeżież għalih.

Aħjar hekk, omm, aħjar le taf li jiena
tlift l-hena kollu; sfajt għajjien, imdejjaq
xbajt minn did-dinja, dinja fejn l-għarwiena
ħadd ma jlibbishom, ebda mard jitfejjaq.

Aħjar hekk, omm, aħjar taf biss li qalbi
terġa tithenna sħin inħares lejk,
u ħaġa waħda biss issaħħaħ talbi
ħarsa ta' mħabba minn ħlewwet għajnejk.

X'espressjoni ta' mħabba ħelwa juruna l-versi l-oħra ta' *Lil Ommi*:

Benninni, benninni,
Fissidni bħal dari...
Hekk... hekk... iva daħħal
Subgħajk ġewwa xagħri,

W għannili bil-ħlewwa,
Il-għanja tas-sewwa.

Sentimenti ta' l-imħabba lejn art twelidu nsibuhom f'xi poeżiji bħal

m'huma *Ġens il-Malti*, *Ir-Rebħa ta' Settembru* fejn jibki li l-qalb ta' Malta m'għadhiex li kienet fl-imgħoddi iżda issa xegħlet wara l-flus, iż-żina u l-ħażen; fi *Dwejjaq Missirijietna*, f'*Jum ir-Rebħa* u f'*Haġar Qim* u f'*Imdina* u f'*Sejħa* u *Tweġiba* (lil Ġorġ Pisani).

Fost il-fergħat ta' mħabba li kellu Rużar Briffa nsibu waħda li tinsab f'bosta poeti kbar u li hija l-ġibda lejn dak kollu li hu sabiħ u sewwa. Aħna ġa rajna kif Briffa ssaħħar wara l-imħabba li wera Kristu lejn il-midinbin u lejn l-imnikktin, kif inġibed lejn l-imħabba li taf tħoss id-Duluri, u kif tgħaxxaq bl-imħabba taż-żogħżija u tal-familja. Issa Briffa għandu poeżiji li juru *wkoll* ġibda speċjali fejn dawk il-prinċipji, x'aktarx iżjed astratti minn dawk li semmejna hawn fuq, ta' Ġmiel u Sewwa.

Issa l-għaliex, x'fittillek trid is-sewwa
dwarek ixxandar, tħobb trid lil kulħadd
Swat biss il-kotra, dmugħ taf tagħti, dnewwa.

F'*Lill-Farfett*, il-poeta jistqarr:

Ix-xeħta ferħana
ta' min dejjem hieni
u jisbaħ minn kmieni
bil-qalb qiegħda tfur
inħobbha, ja mxewwaq
. . . . . . . . . . . . . . . .

F'*Il-Għanja ta' l-Imħabba* naraw lill-poeta jissaħħaħ fil-fehma li l-Imħabba — "l-imħabba tad-diem" — hija l-aqwa ħaġa għall-bniedem.

Kull m'hawn f'din id-dinja jitbekka l-imħabba,
L-Imħabba li tmessi fil-ħajja kull hemm,
Li treġġa ftit hena fil-qalb imbikkija,
U tbiegħed mill-bniedem kull deni, kull semm.

U xi ngħidu għall-ħsieb tal-poeżija *Lil F.S. Caruana* li minnha se nġibu din l-istrofa:

Mhux hekk, Saver, mhux hekk jien irrid ħajti;
twelidt ħa ngħix, ħa mmut wara sbuħija,
ħa ngħolli ħsiebi fuq il-ħsieb ta' sħabi
twelidt ħa ngħanni dejjem sax-xjuħija.

F'*Xewqat* itenni kważi l-istess ħsieb:

'Ma ġa la darba qalbi hi qalb taflija
u bniedem jien li niksaħ bl-iċken riħ,

jenħtieġ nibqa li jien, poeta mġennen
għad-dwal tal-ħajja, noħlom is-sabiħ.

Fil-poeżija *Mill-Ġdid Poeta*, Rużar Briffa, f'mument minnhom, ixebbaħ lilu nnifsu ma' għasfur imġennen għas-sbuħija. Tfakkarna fil-ħsieb tal-poeżija *Lil Għasfur Igħanni* fejn għalkemm il-poeta did-darba jixtieq li l-għasfur ferrieħi jitbiegħed minn ħdejh, ma jiċħadx li darba hu stess infexx fl-għana bħal m'għamel l-għasfur.

Bħalek infexxejt fl-għana,
u bħalek ferħ ta' ġenn
L-imħabba nisslet fija
... Fl-imħabba ma sibtx kenn.

Rużar Briffa ma jisħetx l-għana ta' l-għasfur iżda jordna biss li l-għasfur imur jgħanni band'oħra. Jiġifieri li l-poeta ma jiċħadx u l-anqas ibaxxi l-prinċipju ta' l-imħabba u s-sbuħija fil-ħolqien.

Rużar Briffa għandu fiduċja sħiħa fil-qawwa poetika, il-qawwa li ma tafx bi tħassir jew bi tmiem. Fil-poeżija *Il-Ħolma Eterna* naqraw:

Fil-ħolma tal-poeta
Qatt ma jiġġarraf xejn.
Kull x'ħin timraħ il-ħarsa
igħixu ġol-għajnejn

il-bliet tal-lum, tal-bieraħ,
il-bliet taż-żmien li ġej.
Tiegħek, poeta, id-dinja:
Int biss dejjem bennej!

F'poeżija oħra *Għad Nerġa*, naqraw:

'Ma nibqa' dejjem sejjer
Fit-triq twila ta' l-imkien,
U nibqa' ngħanni dejjem
L-għanjiet li m'għandhomx żmien.

Fil-varjazzjoni tal-poeżija *Waħdi* (p. 10 1) il-poeta jispiċċa hekk:

'Ma fil-ħarba ta' snin twal
tbiddlu d-dwal.....
Kollox jagħti fis-sewdieni....
aktarx tinsa l-lewn ewlieni....

'Ma s-Sbuħija għadha miegħi
taqsam ferħ u dwejjaq tiegħi....

Għadni dejjem, dejjem jien,
anki jekk kiebi u għajjien,
il-poeta taż-Żogħżija....
il-poeta tas-Sbuħija.

Hekk jerġa' jgħid Rużar Briffa fil-poeżija *Sbuħija*:

Jiena nħobb kull mhu sabiħ...

u fl-oħra *Sbuħija Immortali*:

Imm'aħna ma mmutux
Għax Immortali:
Tibqa' warajna l-għanja
Li tfittex l-Ideali –

Fl-*Għanja taż-Żgħożija* miktuba biss sentejn qabel mewtu, Rużar Briffa jerġa' minn jaf għal kemm-il darba itenni l-imħabbietu u twemminu f'dik li hu sabiħ.

Terġa' f'daqqa f'qalbi tixgħel
Dik il-leħħa ta' sbuħija
Illi ħsibt għad-diem intfiet.

Kemm ħabb il-poeta Rużar Briffa narawh ukoll mit-tifkiriet li ħallewna ħbiebu, hekk kif jinsabu miġbura fl-edizzjoni speċjali ta' *Leħen il-Malti*, 1963. Dawn it-tifkiriet huma xhieda indiretta ta' dak li għidna qabel għax huma barra l-kontest tal-poeżija ta' Rużar Briffa; iżda nistgħu ngħidu li jsaħħu tajjeb l-fehma tiegħi li Rużar Briffa fil-lirika tiegħu argumenta l-iżjed fuq l-Imħabba. Wara kollox tista' tgħid li ħadd mill-ħbieb tal-poeta ma tkellem fuq xi disillużjoni jew disperazzjoni ta' Rużar Briffa, iżda kollha qalu xi ħaġa fuq l-imħabba u s-sinċerità tiegħu.

Waqt li x'uħud mill-ħbieb tal-poeta semmew id-disillużjoni u s-swied il-qalb ta' Rużar Briffa, il-ħbieb kollha kienu tal-fehma li Rużar Briffa wera mħabba u sinċerità kbira. Emmanuel Agius kiteb hekk: 'Jiena rrid niftakar fil-ħlewwa tal-poeżiji tiegħu; irrid nibqa' niftakru daħqani kif spiss rajtu, u rrid infakkar illi l-poeti tajbin ma jmutu qatt." Ġanni Bonnici kiteb "Kif wasalt id-dar qbadt naqraha (*L-Għanja ta' l-Imnikket*) Ħassejt id-dmugħ jaħraq ma' ħaddejja u għedt li l-poeta kien jaf iħoss għal dawk li jgħixu madwaru." Imbagħad xi ngħidu għall-artiklu ta' patri Valentin Barbara O.P. li fih ma jagħti l-anqas l-iċken ħjiel ta' Rużar Briffa bħala poeta mgeżwer fil-waħx tad-dwejjaq jew ta' qtigħ il-qalb jew tal-pessimiżmu żejjed jew tal-mibgħeda. Patri Valentin Barbara kiteb hekk:

"Biżżejjed ngħid illi meta kien jiġi mistieden biex jaqra poeżija tiegħu f'xi okkażjonijiet.... kien jifraħ qisu xi tfajjel safi meta jara li tkun għoġbot lis-semmiegħa .... F'Rużar kienu jidhru ħafna wkoll xejriet oħra sbieħ tassew bħall-ġabra tad-dar, it-tbegħid mill-frugħa u t-tlellix żejjed, il-ħarba mid-diskursati twal u bla siwi *u, iżjed minn hekk,* l-*imħabba*.